ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2024**

**IS-SEBA’ | L-ISTUDJI SOĊJALI | L-ISKEMA TAL-MARKI**

**Taqsima A**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. rikostitwita | 2. ir-razziżmu | 3. pressjoni | 4. mill-identità | 5. il-kultura |
| 6. regoli | 7. l-valuri | 8. ugwaljanza | 9. rispett/tolleranza | 9. tolleranza/rispett |

**marka x 10 = 10 marki**

**Taqsima B**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. b | 2. a | 3. b | 4. c | 5. a |
| 6. a | 7. c | 8. b | 9. a | 10. c |

**marka x 10 = 10 marki**

**Taqsima C**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. veru | 2. falz | 3. veru | 4. veru | 5. falz |
| 6. veru | 7. falz | 8. falz | 9. veru | 10. falz |

**marka x 10 = 10 marki**

**Taqsima D**

| Numru | Marki | Tweġibiet<br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull tweġiba oħra relevanti u valida għandha tiġi aċċettata.* |
|---|---|---|
| 2. | 2 | Il-vandaliżmu li jsir fil-lokalitajiet imur kontra wieħed mid-dmirijiet u d-drittijiet bażiċi ta' kull ċittadin lejn il-komunità u lejn il-lokalità li jgħixu fiha ċ-ċittadini li huma stess qed iħallsu permezz tat-taxxi għall-proġetti kapitali. |
| 3. | 2 | Il-bullying jista’ jieħu diversi forom, bħal dak verbali, soċjali jew fiżiku. Din l-imġiba tista’ toħloq konsegwenzi serji u dejjiema fuq il-vittma. |
| 4. | 2 | It-tagħlim tas-suġġetti li jsir fil-klassi marbut mal-kurrikulu, orarju u assessjar bħal testijiet u eżamijiet, jagħmlu parti integrali mill-edukazzjoni formali. |
| 5. | 2 | Il-mitħna fl-antik kienet tintuża biex jiġi mitħun il-qamħ u jsir id-dqiq li permezz tiegħu jsir il-ħobż. Il-mitħna flimkien ma’ binijiet oħra jagħmlu parti mill-bini storiku u l-kultura Maltija. |
| 6. | 2 | Il-binja tal-Berġa ta’ Kastilja tinsab il-Belt Valletta u fiha llum insibu l-uffiċċju tal-Prim Ministru, li ġeneralment fiha jlaqqa’ lill-Kabinett skont in-neċessità. |
| **TOTAL** | **10** | |

**Taqsima E -** *Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull tweġiba oħra relevanti u valida għandha tiġi aċċettata*

| Aġenti tas-Soċjalizzazzjoni Primarja | Aġenti tas-Soċjalizzazzjoni Sekondarja |
|---|---|
| 1. ġenituri | 1. għalliema |
| 2. aħwa | 2. ħbieb, ġirien |
| 3. nanniet | 3. Reliġjon, katekisti, qassisin |
| 4. zijiet / kuġini | 4. coaches tal-isport / għalliema tal-mużika / għalliema taż-żfin / scout leaders, eċċ |
| 5. child care educators | 5. Midja, personalitajiet televiżivi / influencers minn fuq il-midja soċjali |

**marka x 10 = 10 marki**

**Taqsima F**

| Mistoqsija | Marki | **Tweġibiet**<br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull tweġiba oħra relevanti u valida għandha tiġi aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1. | 1 | Xandru ż-żagħżugħ, Xandru l-istudent, Żagħżugħ eżemplari, eċċ |
| 2. | 3 | L-identità tfisser aħna min aħna. L-identità tagħna hi unika għax aħna kollha differenti. Dan il-fatt jagħmel lis-soċjetà aktar interessanti. |
| 3. | 2 | L-identità personali - tinkludi l-isem, id-data tat-twelid, il-passatempi, it-talenti, il-fattizzi, il-karattru kif ukoll kwalitajiet, bħal ċajtier, ġeneruż u tolleranti, fost oħrajn. |
| 4. | 1,1,1,1,1 | • ismu – Xandru Camilleri<br>• għandu dsatax-il sena<br>• iħobb jaqra<br>• isuq ir-rota u jikkompeti barra l-pajjiż<br>• iħobb il-fotografija |
| 5. | 2 | L-identità soċjali tista' tiġi definita bħala l-għarfien ta' individwu li jappartjeni għal ċerti gruppi soċjali. |
| 6. | 1,2,2 | Xandru jappartjeni għal numru ta’ gruppi soċjali u dan jgħinu sabiex ikollu għarfien ta’ aktar nies u gruppi fis-soċjetà.<br>*Isemmu żewġ eżempji minn*:<br>Xandru huwa student tal-MCAST; membru f’għaqda taż-żgħażagħ tal-lokal; jieħu sehem fit-tiġrijiet tar-roti filwaqt li membru f’għaqda tal-fotografija. Ukoll Xandru jsiefer u b’hekk jiltaqa’ ma’ aktar nies ta’ kulturi differenti. |
| 7. | 1,2 | L-identità nazzjonali ta’ Xandru hija Maltija. Xandru juri l-identità nazzjonali<br>• meta jiġri bir-rota u jieħu sehem f’kompetizzjonijiet barranin f’isem Malta;<br>• meta jsiefer fuq skambji taż-żgħażagħ u taħriġ. |
| 8. | 2,2 | Xandru qed jibbenifika minn fondi Ewropej għax<br>• siefer is-sena l-oħra fuq *Youth Exchange Programme* ġewwa Franza fejn iltaqa’ ma’ żgħażagħ oħra u tgħallem dwar il-kultura tagħhom u<br>• din is-sena sejjer l-Italja bħala parti mill-ERASMUS bil-kollaborazzjoni tal-MCAST biex jitħarreġ aktar dwar il-karriera tiegħu. |

| | | |
|---|---|---|
| 9. | 5 | Bħala ċittadin Malti, Ewropew u globali, Xandru għandu d-dmir li jitkellem fil-gruppi soċjali varji li huwa involut fihom sabiex iqajjem kuxjenza dwar il-qerda tal-ambjent kemm fuq bażi lokali u globali. Permezz tal-mezzi tal-mass midja u/jew billi jissieħeb f'xi grupp ta' pressjoni li jaħdem favur l-ambjent, jista' jipparteċipa f'kampanji lokali u barranin filwaqt li jħajjar nies oħra jipparteċipaw sabiex mhux biss ikun hawn aktar kuxjenza dwar il-qerda tal-ambjent, imma wkoll jittieħdu azzjonijiet permezz ta' protesti fit-toroq biex il-qerda tal-ambjent tieqaf. |
| **TOTAL** | **30** | |

**Taqsima G**

Fil-paragrafu, l-istudenti għandhom juru li jafu s-suġġett, jagħtu defenizzjonijiet ċari u joħorġu b'ideat rilevanti. L-20 marka jitqassmu kif ġej:

18-20 – Tajjeb ħafna
12-17 – Tajjeb
8-11 – Mhux ħażin
0-7 – Mhux tajjeb

| Mistoqsija | Marka | Tweġibiet<br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull tweġiba oħra relevanti u valida għandha tiġi aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1. | 20 | Is-soċjalizzazzjoni hi proċess ta' tagħlim dwar kif għandna nġibu ruħna ma' nies oħra fis-soċjetà. L-ewwel tagħlim nibdew nirċevuh fil-familja (soċjalizzazzjoni primarja) u mbagħad ikompli permezz ta' gruppi oħra barra mill-familja bħall-għalliema fl-iskola, mużew u ħbieb (soċjalizzazzjoni sekondarja). Dan it-tagħlim ta' valuri jissejjaħ proċess għax hu mifrux matul il-ħajja kollha tal-bniedem jiġifieri mit-twelid sal-mewt. Kull bniedem għandu bżonn dan it-tagħlim biex ikun kapaċi jgħix ma' persuni oħra fis-soċjetà. Dan jgħin biex il-membri jkunu magħqudin flimkien u jkun hemm sens ta' rispett, imħabba u solidarjetà bejniethom.<br>**Soċjalizzazzjoni Primarja** - nitgħallmu l-affarijiet bażiċi, kif għandna nġibu ruħna ma' persuni oħra fis-soċjetà u nitgħallmu n-normi u l-valuri li għandna bżonn biex ngħixu fis-soċjetà.<br>**Soċjalizzazzjoni Sekondarja** - tagħlim li jibda jseħħ meta niltaqgħu ma' nies differenti barra l-familja. |
| 2. | 20 | Is-soċjetà hi magħmula minn diversi **istituzzjonijiet soċjali**. Fost dawn id-diversi istituzzjonijiet insibu:<br>• **Familja:** Il-familja hija waħda mill-istituzzjonijiet l-aktar importanti minħabba r-rwol tagħha fis-soċjetà. Il-funzjonijiet li taqdi jgħinu lil kull individwu biex jitgħallem ir-regoli li għandu bżonn biex ikun jaf kif għandu jgħix fis-soċjetà.<br>• **Reliġjon:** F'kull pajjiż insibu xi tip ta' reliġjon. Kull reliġjon tilgħab parti importanti fil-maġġoranza tas-soċjetajiet. Meta nitkellmu dwar ir-reliġjon, ħafna jemmnu li r-reliġjon hija xi ħaġa personali li nemmnu u l-valuri huma prinċipji personali. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Ir-reliġjon bħala istituzzjoni soċjali tinvolvi aktar minn dak li temmen il-persuna. Ir-reliġjon bħala istituzzjoni tinvolvi modi ta' mġiba u twemmin li tgħin lis-soċjetà tilħaq il-bżonnijiet bażiċi. Ir-reliġjon hija sett ta' twemmin u prattiċi ma' dak li għandu x'jaqsam l-elementi sagri li jgħinu lis-soċjetà tifhem it-tifsira u l-iskop tal-ħajja.<br>• **Sports:** L-Isports huwa meqjus bħala istituzzjoni soċjali minħabba l-fatt li huwa kontinwu, jinvolvi d-determinazzjoni filwaqt li huwa serje ta' attivitajiet. L-Isports ilu jeżisti għal għexieren ta' snin u nħoloq minħabba li s-soċjetà rat li kellha bżonnu. L-Isports għandu l-kapaċità wkoll li jgħaqqad lin-nies minn pajjiżi differenti fid-dinja. Dan jgħin sabiex jiġu megħluba ċerta kunflitti u jingħeleb ir-razziżmu.<br>• **Edukazzjoni:** L-edukazzjoni hija istituzzjoni soċjali li permezz tagħha t-tfal ta' soċjetà jiġu mgħallma għarfien akkademiku bażiku, ħiliet ta' tagħlim, u normi kulturali. Kull nazzjon fid-dinja huwa mgħammar b'xi forma ta' sistema edukattiva, għalkemm dawk is-sistemi jvarjaw ħafna.<br>• **Politika:** Il-politika bħala istituzzjoni soċjali tirreferi għal sistema istituzzjonalizzata li permezz tagħha l-poter jiġi akkwistat u eżerċitat skont liġi suprema biex jiġi amministrat stat.<br>*L-istudenti jridu jsemmu erba' istituzzjonijiet soċjali.* |
| 3. | 20 | Il-kultura titqies bħala l-mod kif jgħixu l-membri tas-soċjetà, li tiġbor fiha l-ideat u d-drawwiet kollha li jiġu mgħallma u trasmessi minn ġenerazzjoni għall-oħra.<br><br>*L-istudenti għandhom isemmu erba' aspetti tal-kultura minn:*<br><br>1. **Il-lingwa:** Il-lingwa tgħin ħafna sabiex tiġi espressa l-kultura ta' pajjiż. Bħala mezz ta' komunikazzjoni ta' valuri, twemmin u drawwiet, għandha funzjoni soċjali importanti u trawwem sentimenti ta' identità u solidarjetà ta' grupp.<br>2. **Tradizzjonijiet u drawwiet:** Dawn id-drawwiet jiġbru taħthom l-ilbies, l-ikel tipiku Malti, il-festi, il-logħob u s-snajja'. Ħafna mill-festi ċċelebrati matul is-sena huma marbuta mal-fidi u t-twemmin tal-knisja Kattolika eżempju: il-Milied, L-Għid il-Kbir, l-Imnarja, il-Vitorja, festi tar-raħal, kif ukoll ċelebrazzjonijiet bħal magħmudija, preċett jew żwieġ.<br>3. **It-teknoloġija:** It-teknoloġija hija l-modi u metodi li jintużaw biex isiru l-affarijiet u jeħfief ix-xogħol. Illum ħafna mill-magni ħadu ħafna mix-xogħol li kien isir bl-idejn u b'hekk inbidlu l-proċessi ta' produzzjoni. Għalhekk nirreferu għat-teknoloġija bħala t-teknika tal-produzzjoni.<br>4. **Valuri u normi:** Valuri huma prinċipji li juru x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin. Dawn iwassluna biex nagħrfu kif inġibu ruħna b'mod tajjeb fis-soċjetà u nkunu ċittadini li nagħrfu ngħixu ħajjitna b'mod tajjeb. Normi huma regoli mhux miktuba li jagħtu gwida informali dwar dak li hu kkunsidrat bħala mġiba addattata għal dik is-soċjetà.<br>5. **Reliġjon/Twemmin:** Ir-reliġjon tgħaqqad lill-poplu partikolari meta dawk li jemmnu jipparteċipaw f'attivitajiet komuni bħal talb, |

| | | |
|---|---|---|
| | | meditazzjoni jew ritwali ta' qima. Dan jagħti sens ta' komunità qawwi. Ir-reliġjon u t-twemmin iħallu influwenza kbira fuq l-identità nazzjonali, liema nfluwenza tinħass anki fuq persuni li mhumiex reliġjużi jew spiritwali. Din issir parti mill-kultura. |
| 4. | 20 | • Referenza għall-kunċett tal-valuri – principji ta' x'inhu tajjeb u ħażin.<br>• Referenza għall-kunċett tan-normi – regoli mhux miktuba aċċettati mis-soċjetà.<br>• Referenza għal-liġijiet – regoli miktuba li kulħadd bilfors irid jimxi magħhom.<br>• Spjegazzjoni tal-kunċett riabilitazzjoni - l-azzjoni li xi ħadd jerġa' lura għar-reputazzjoni ta' qabel ma mess mal-kriminalità.<br>• Spjegazzjoni tal-kunċett integrazzjoni mill-ġdid – l-individwu jerġa' jistabbilixxi ruħu ekonomikament, soċjalment u psikoloġikament sabiex ikun jista' jgħix ħajja kompluta.<br>• Deskrizzjoni ta' xi tfisser 'ħati' – min jagħmel azzjoni ħażina kontra xi ħadd, ikun kiser il-liġi b'waħda minn jew b'diversi modi bħal insult, swat, serq, malafama, qtil, eċċ.<br>• Deskrizzjoni ta' xi tfisser 'vittma' – min isofri minn azzjoni kontrih.<br>• Nifhem li m'għandix niġġudika fuq dak li jgħidu biss, imma għandi nisma' jew nara minn sorsi differenti. |
| **TOTAL** | **20** | |

**Total: 100 marka**